**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 614/97

Andrew Galea

vs

Direttur ta' l-Agrikoltura

Illum 3 ta’ Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fl-1989 sal-1994 hu sofra ingustizzja billi ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Illi hu ilu impjegat mal-intimat 1979 u kien anke minn 9 snin qabel jaghmel l-istess xoghol mal-Korp tal-Pijunieri;

Illi fl-1984 gie promoss ghal Group C Farm Operative u kien jaghmel xoghol bhal kontrolli u appelli fil-Qrati u fit wara sar Group C jigifieri Vet Assistant.

Fl-1989 harget applikazzjoni ghal AO1 u applika, izda wara interview gie maqbuz min nies li kellhom grad inqas minnu; gara l-istess fl-1994; b'hekk qed isofri ghaliex fir-riorganizzazzjoni inghata grad inqas minn dak suppost;

Illi hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku li jindika ukoll il-fatti li ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jordna li jigi moghti promozzjoni ghall-grad li jixraqlu jew kif jidhirlu l-istess Tribunal jew jinghata rimedju billi jigi akkordat is-somma ta' hamest elef lira.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur ta' l-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi preliminarjament ir-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-

istess rikors a tenur ta' l-Artikolu 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suesppost ir-rikorrent irid jispecifika d-dettalji ta' dak li qed jallega.

Illi dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jikkostitwix wahdu prova illi saret xi distinzjoni indebita fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost in kwantu illi r-rikorrent applika ghall-post ta' Agricultural Officer fl-1989 u fl-1994 accettazzjoni  ghal tali grad tiddependi minn intervisti maghmula minn Selection Board u mir-rizultati li jigu ppubblikati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi in kwantu r-rikorrent qed jitlob illi jinghata promozzjoni ghall-grad li jixraqlu din it-talba ghandha tigi kkunsidrata ai termini tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema artikolu jirregola hatriet li jsiru mill-Kummissjoni dwar is-servizz pubbliku.

Ghaldaqstant l-intimat jissottometti  illi ma hemm xejn fir-rikors li jista' jiggustifika r-rimedju mitlub.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li x-xoghol li kien jaghmel kien ta' certa delikatezza ghaliex kienu jaghmlu spezzjonijiet fuq rziezet. Kien ikollhom l-assistenza tal-Pulizija u gieli kellhom maghhom Spetturi. Fl-1989 hargu applikazzjonijiet ghal AO I imma wara li saru l-interviews gie maqbuz minn nies li kienu gradi anqas minnu. L-istess gara fl-1994.

Qal li minhabba r-riorganizzazzjoni li saret xi tliet snin ilu anqas jista' japplika ghall-promozzjonijiet minhabba l-ingustizzji li saru mieghu kif semma. Qieghed f'sitwazzjoni li nies li kien ghallimhom hu x-xoghol taghhom qabzuh u qeghedin fi grad aktar minnu.

Xehed li "b` riferenza ghad-domanda li saritli mit-Tribunal dwar l-affidavit tieghi a fol 8 tal-process ir-4 paragrafu dwar in-nies li qabzuni nghid li propjament jiena ma qabzunix nies fis-sens li gew minn warajja u qabzuni izda kien hemm nies li kienu bhali u li huma saru waqt li jiena le. Fosthom insemmi lil Vince Chetcuti li fil-Kettle Section jiena kont qablu. Dan kien jahdem l-MMU.

Kien hemm ukoll Emanuel Micallef li kien maghna pero` kien qieghed fuq il-Horticulture. Dan kien qabli fis-sezzjoni propjament. Kien hemm nies ohra pero` ma niftakarx isimhom."

Carmel Aquilina li jahdem mad-Dipartiment tal-Agrikoltura bhala Principal xehed li fl-1989 kienet saret sejha ghal Agricultural Officer 1 u Schembriu u Galea kienu applikaw ghaliha ghax kienu eligibbli li japplikaw u kienu ntaghazlu 6 minn nies mill-interview. Dawk li ntaghazlu kien jisimhom Vince Chetucuti, Joe Mercieca, Joe Schembri, Joe Bonello, John Sciberras u Emanuel Micallef waqt li kienu applikaw nies ohra u ma gewx maghzula. Xi 30 ma kinux ghaddew waqt li 16 kienu ghaddew pero` l-ewwel 6 li hadu l-appointment. Esebixxa r-rapport li l-bord kien baghat lill-Public Service Commission. Il-Public Service Commission kienet imxiet mar-rapport tal-bord u ghazlet l-istess nies li fil-fatt jirrizultaw lill-bord.

B`referenza ghall-promozzjonjiet tal-1994 kienet harget office circular ohra f` Ottubru tal-1994 imma l-General Workers Union ma kenitx qablet ma` kif harget ghax qalet li ahna speci ta` imxejna mar-re-organisation il-gdida meta kien ghadu mhux il-waqt ghax ma kienx konkluz l-agreement allura kien hemm battibekk bejn il-General Workers Union u l-MPO u qatt ma sar hadd. Harget ohra skond ir-re-organisation agreement f` Ottubru tal-1995 u Galea u Schembri ma setghux japplikaw ghaliha ghax skond kif kien il-ftehim tal-agreement ma kellhomx il-kwalifiki bizzejjed.

Godfrey Camilleri Principal Scientific Officer fid-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed li l-Bord ma sabhomx li huma eligibbli li jistghu japplikaw ghal din il-kariga ghar-raguni li n-nomenklatura taghhom hija Vet Assistant. Issa gara li huma saru vet assistant meta d-Dipartiment tal-Agrikoltura u d-Dipartiment tal-Veterinary Services kienu dipartiment wiehed. Dawn meta gew ghal din il-promozzjoni hassewhom li huma m` ghandhomx ikunu mnaqqsin ic-cans li jistghu japplikaw ghal din il-promozzjoni ghar-raguni li ghalkemm huma vet assistant, il-Ministeru kien qieghed juzahom fid-dipartiment tal-Agrikoltura u allura jekk jinholqu promotions fid-Dipartiment tal-Agrikoltura hassew li ghandhom ikollhom ic-cans ghalihom.

Ra l-verbal tad-19 ta’ Jannar 2001 li dwar l-applikazzjoni tal-1994 l-process kien gie mizmum u hadd ma ha l-promozzjoni.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ikkunsidra

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe’ li preliminarjament dan ir-rikors ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors ai termini tal-artikolu 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, din mhix accettabli minhabba li kif jirrizulta a fol 4 retro l-Avukat Generali gie notifikat bir-rikors, risposta, u Avviz tas-smiegh fl-24 ta’ Marzu, 1999. Ghalhekk jichad l-eccezzjoni preliminari.

Illi l-ewwel ilment tar-rikorrent hu dwar il-promozzjoni tal-1989. Ir-rikorrent sostna li gie maqbuz minn nies li kienu gradi anqas minnu izda meta xehed qal li propjament ma qabzu hadd izda kien hemm nies li kienu bhalu u huma saru waqt li hu le. Ir-rizultat gie ezibit u jinsab a fol 19-21. Minn dan jirrizulta li ghaddew sittax u li r-rikorrent ma ghaddiex. Hu gab 43 marka. Minn dawk li ghaddew sitta biss gew moghtija l-appointment u minn dawn l-ahhar wiehed kellu 64 marka u cioe' 21 il-marka aktar. Il-marki gew allokati fuq

| | |
|---|---|
| Esperjenza | 25 |
| Kwalifiki | 15 |
| Personalita' | 20 |
| Knowledge ta' Agrikoltura | 40 |

Ir-rikorrent gie moghti 9, 6, 10, u 18. Dwar kwalifiki [kriterju oggettiv] hu inghata 6. Dawk li gew moghtija l-appointment kellhom tnejn 13, tnejn 12, wiehed bhalu 8 u iehor [Joe Bonello] 4. Dan Bonello inghata 19, 4, 14, u 30. Ir-rikorrent b'ebda mod ma gab provi dwar is-snin ta' servizz u esperjenza u kwalifiki tieghu komparati ma' ta' dawk li gew moghtija l-appointment. Ghalhekk kif jista' dan it-Tribunal jasal li saret xi ingustizzja. Ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Ir-rikorrent sostna wkoll li saret ingustizzja mieghu meta ma inghatax il-promozzjoni tal-1994. Issa mill-verbal tad-19 ta' Jannar 2001 il-partijiet qablu li dwar l-applikazzjoni tal-1994 l-process kien gie mizmum u hadd ma ha l-promozzjoni.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Marzu, 1999. Hemm inghad:

"Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha…Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."

Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx l-ilment gustifikat, u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.